# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Eusebio Buhagiar**

Il-Qorti, wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` **Eusebio Buhagiar** detentur tal-karta tal-identita bin-numri 513250M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar it-23 ta' Lulju 2015 għall-ħabta ta' bejn 21:00 u 21:45 minn ġewwa l-Brass Band Club 62, Pjazza San Nikola, s-Siġġiewi:-

1. Utilizza makkinarju li tellef b'kawża ta' detriment lejn saħħet ir-residenti fi Pjazza San Nikola, s-Siġġiewi permezz ta' dħaħen prodotti minn ġenerator fost liema ċirkostanzi dejjaq lil ġirien;
2. Kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'xi mod ieħor;
3. Bl-imġieba tiegħu ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil Peter Mallia meta kien jaf jew messu kien jaf li dan l-aġir kien ta' fastidju għall-imsemmija Peter Mallia.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjoni kontra l-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Semgħet lil parte civile;

Rat id-digriet tagħha fejn ħatret lill-Professur Joseph Agius

Rat ir-relazzjoni tal-Professur Joseph Agius u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

**L-ewwel imputazzjoni –**

Il-Prosekuzzjoni qegħda tipotizza din l-imputazzjoni taħt id-dispost tal-Artikolu 128(b) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta. Din id-disposizzjoni taqra hekk : -

> **128.** Ħadd ma jista' -
>
> jibni forn, fuglar, jew forġa, jew jagħmel użu minnhom, f'ebda post li minnu, minħabba li ma jkunx hemm ċumnija li tieħu d-duħħan għal fuq il-bejt ta' dak il-bini, dak id-duħħan jista' jmur fit-triq jew f'dar viċina, jew li juża dan il-forn, fuglar jew forġa b'mod li jkunu jdejqu jew ta' inkonvenjent lill-ġirien;

Issa f'dan il-każ mill-provi prodotti l-imputat ma bena jew uża ebda "forn, fuglar jew forġa". Għaldaqstant ir-reat ipotizzat bl-ebda mod, għajr ħlief permezz t'immaġinazzjoni fertilissima, ma jista' jintegra dan ir-reat.

Biss minkejja li ġie ipotizzat dan ir-reat taħt dak l-Artikolu, jirriżulta li l-lokuzzjoni użata mill-Prosekuzzjoni ma tirrispekkjax dan l-Artikolu u huwa ferm diffiċli għal din il-Qorti tifhem kif il-Prosekuzzjoni tista' tirrikonċilja l-imputazzjoni mal-Artikolu minnha ċitat.

Issa anke kieku biss din il-Qorti tista' tislet xi parti minnu li jista' jinkwadra taħt l-Artikolu 128(b) tal-Kap 10, xorta hemm ostakoli oħra li fil-fehma tal-Qorti huma insormontabbli għall-każ tal-Prosekuzzjoni. Hekk per eżempju fil-każ ***Il-Pulizija vs. Carmela Micallef*** deċiża mill-Imħallef William Harding nhar is-16 t'April 1955 ġie mistqarr li meta jkun hemm lokuzzjoni spurja jew ibrida ta' imputazzjoni u li ma tkunx tirrifletti t-test tal-Liġi, ħtija ma tistax tirriżulta għaliex japplika l-prinċipju *ne bis in idem*.

Mill-banda l-oħra ebda prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma nġiebet mill-Prosekuzzjoni li l-azzjoni tal-imputat issarfet f'detriment – ikun xi jkun, iżda soddisfaċentement ippruvat - lejn is-saħħa ta' residenti fi Pjazza San Nikola s-Siġġiewi permezz ta' dħaħen.

Din l-imputazzjoni skont kif formulata għalhekk ma tistax tirnexxi.

**<u>It-tieni imputazzjoni -</u>**

Illi kwantu għal din l-imputazzjoni, il-Qorti ħadet konjizzjoni mhux biss tal-verżjoni tal-parte civile iżda wkoll tar-relazzjoni tal-espert tekniku l-Professur Joseph Agius. Issa l-akkuża mossa kontra l-imputat tipotizza allegat inċident waħdieni li seħħ fid-data u l-ħinijiet indikati fil-komparixxi.

Il-parte civile jilmenta minn inkonvenjenti varji. Mill-banda l-oħra l-espert tekniku jtenni li f'dan il-każ inkonvenjent li setgħa jiġi stabbilit kien rikonduċibbli għal disturb permezz ta' ħsejjes. Irriżulta li dan l-apparat użat mill-imputat ma kienx jiġi użat ta' spiss. Irid issa pero jiġi stabbilit jekk l-eżistenza ta' dan l-inkonvenjent kienx ta' entita tali li jsir penalment rilevanti u kriminalment ċensurabbli.

L-allegat inċident seħħ bejn id-21:00 u l-21:45 tat-23 ta' Lulju 2015. Ir-reat ipotizzat huwa dak imsemmi fl-Artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali li inter alia jeħtieġ li ksur tal-mistieħ tan-nies ikun seħħ "bil-lejl". Din il-Qorti ssiba diffiċli tikkonkludi li l-ħinijiet indikati fil-komparixxi, fix-xahar sajfi ta' Lulju jistgħu jitqiesu bħala jaqgħu fit-tifsira ta' "bil-lejl".

Iżda *dato ma non concesso* u *gratia argomenti* li jista' jitqies bil-lejl, il-ġurisprudenza Maltija xorta waħda teħtieġ li jkun hemm rekwiżiti oħra importanti li jridu jiġu sodisfatti sabiex ikun jista' jiġi integrat dan ir-reat.

Il-ħtieġa li l-Qorti tiddetermina jekk storbju u dħaħen li setgħu ġew ġenerati kienux tali li jikkwalifikaw bħala inkonvenjent li jkunu elevati għal reati kriminali huwa rifless fil-prononzjament ta' diversi Imħalfin f'każijiet bħal ***Il-Pulizija vs Victor Grech,***[1] ***Il-Pulizija vs. Ignatius Pecorella,***[2] ***Il-Pulizija vs Stephen Attard et,***[3] ***Il-Pulizija vs Gordon Caruana***.[4]

In suċċint skont il-ġurisprudenza Maltija, biex dan l-inkonvenjent ikun kriminalment punibbli jrid ikun wieħed pruvat li kien serju f'sens oġġettiv, u jrid ikun wieħed sostanzjali u mhux raġonevoli.[5] Inoltre, t-test li għandu jagħmel il-ġudikant għandu jkun wieħed oġġettiv[6] għalkemm fil-każ ta' inkonvenjent kaġunat minn ħsejjes il-Qorti trid tevalwa l-provi skont ix-xiehda tal-persuna jew persuni li jkunu disturbati mill-ħsejjes.[7] Huwa mħolli f'idejn il-ġudikant li jevalwa minn każ għal każ u *in concreto* jekk ikunx hemm l-inkonvenjent ravviżat mill-

[1] Qorti tal-Appell Kriminali, 03/11/2005.
[2] Qorti tal-Appell Kriminali, 24/01/2011.
[3] Qorti tal-Appell Kriminali, 01/03/2012.
[4] Qorti tal-Appell Kriminali, 14/02/2013.
[5] Ara ***Il-Pulizija vs. Michael Grech***, Qorti tal-Appell Kriminali, 30/04/1998.
[6] Ibid.
[7] Ara ***Il-Pulizija vs. Raymond Spiteri***, Qorti tal-Appell Kriminali, 20/11/1998.

leġislatur li għandu jiġi evitat, u normalment ma hemmx ħtieġa li jitqabbad espert tekniku.[8]

Illi dwar in-natura tal-inkonvenjent u x'tifsira għandha legalment tingħata lil dan it-terminu, din il-Qorti tara li dak mistqarr mill-Imħallef William Harding fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Anthony Cuschieri et,***[9] aktar il-fuq ċitata, huwa importanti għad-determinazzjoni ta' dan il-każ. Dik il-Qorti għalmet illi l-inkonvenjent jissenja l-limiti tal-użu awtorizzat. Dan għandu jiġi interpretat fis-sens ta' kif dejjem ġie interpretat il-każ analogu ta' molestja f'kawżi ċivili fuq l-istess materja. Biss, *criminalibus*, il-limitu stabbilit m'għandux ikun biss dak applikabbli *civiliter* jiġifieri li jiġu eċċeduti l-miżuri ta' rigward lejn il-bwon viċinat li normalment għandhom jiġu rispettati. Fil-kamp penali hemm bżonn li l-fatt ikun jikkostitwixxi "nuisance" jiġifieri "substantial inconvenience and material discomfort".[10] F'dan is-sens għalhekk l-inkonvenjent għandu jkun wieħed "gravi" u "mhux faċilment tollerabbli" ukoll kif deċiż l-appell ċivili fil-kawża fl-ismijiet ***Meli vs Calleja*** nhar il-5 ta' Frar 1908 ukoll ċitata fl-istess kawża. Inoltre, l-istess inkonvenjent irid ikun wieħed meqjuż bħala "kontinwu u intens". Jekk ma jikkonkorrux dawn l-elementi il-każ ma jkunx jaqa' taħt is-sanzjoni tal-liġi penali u dan għaliex altrimenti, din kienet tolqot anke każijiet t'inkonvenjent ħafif, li allura jirrendi l-ħajja soċjali kważi impossibbli. Hawnhekk l-Imħallef

[8] Ara ***Il-Pulizija vs. Fortun Fava***, Qorti tal-Appell Kriminali, 05/02/1998.
[9] Qorti Kriminali (sede t'appell), 16/12/1946.

[10] Hawnhekk l-Imħallef Harding jiċċita sentenza Ingliża "Walter vs Selfe" tal-1851 li hija riportata minn Burrows fil-Ktieb tiegħu "Words and Phrases Judicially Defined" fil-Volum III a pagna 524.

Harding ikompli jikkwota lill-Kollega tiegħu Ingliż Pollock fis-sentenza ***Bamford vs. Turnley*** deċiż fl-1862 fejn ingħad li :

> The compromises that belong to social life, and upon which the peace and comfort of it mainly depend, furnish an indefinite number of examples where some apparent natural right is invaded, or some enjoyment abridged, to provide for the more general convenience or necessities of the whole community.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-provi prodotti ma jwaslux għal din il-kwalita ta' inkonvenjent. Biss anke jekk wieħed għandu japplika l-ġurisprudenza anqas rigoruża u assolutista dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterja, kif riflessa fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Stephen Attard et : -***

> Fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Marco Debono' deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru ta' l-2011, il-Qorti qalet illi biex jinkwadra l-Artiklu 338 (M) tal-Kodici Kriminali, jehtieg ''Li l-hsejjes jammontaw ghal- "nuisance" u cioe jkun hemm "substantive inconvience and material discomfort" u ghalhekk l-inkonvenjent irid ikun gravi u mhux facilment tollerabbli u li ukoll kontinwu u intens. Sentenzi ohra hadu attegjament aktar pragmatiku u anqas assolutista rigward dan ir-reat fejn gie ritenut li spetta ghal-Qorti, min kaz ghal kaz u skond ir-rizultanzi processwali, li tivvaluta d-deposizzjoni tal-persuni li jkunu qed jillmentaw mill-inkonvenjent li tiddeciedi jekk il-hsejjes ikunux verament ta' inkonvenjent jew le, mehud skond ic- cirkostanzi kollha tal-kaz.''
>
> Din il-Qorti thoss illi skond ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-inbieh kontinwu tal-kelb, fin-nuqqas tal-prezenza ta' l-appellanti, jammonta ghal inkonvenjent serju ghal- Parte Civili Nicholette Attard. Ghalhekk din il-Qorti hi tal- fehma illi dan l-inbieh huwa tali illi johloq dak il-grad ta' inkonvenjent li l-Artiklu 338 (M) tal-Kodici Kriminali irrid

jissoprimi.

Din il-Qorti tqis li a differenza tal-kawża ***Attard et*** ċitata, f'dan il-każ ma ġiex pruvat inkonvenjent serju u kontinwu. Il-Qorti għalhekk ma tqisx li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

Illi l-imputazzjoni kontestata lill-imputat hija pależament marbuta ma data waħdanija, inċident waħdieni u li seħħ fi spazju ta' tliet kwarti ta' siegħa. Li inkonvenjenti ta' disturb bi ħsejjes jew irwejjaħ u dħaħen jistgħu jaqgħu fil-parametri tal-kunċett ġuridiku tal-fastidju huwa wkoll rikonoxxut fil-ġurisprudenza patrija. Hekk per eżempju fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ***Il-Pulizija vs. Julian Cesare*** deċiża nhar l-1 ta' Marzu 2012 dik il-Qorti kkonkludiet li inkonvenjent (f'dak il-każ ta' daqq ta' mużika b'volum għoli anke fil-ħinijiet ta' wara nofsinhar) jista' jintegra wkoll ir-reat ta' fastidju. Iżda qabel xejn il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-elementi kollha tar-reat ta' fastidju sabiex jirnexxielha tottjeni sentenza kundannatorja. F'dan il-każ ir-rekwiżit tal-***course of conduct*** mhux talli ma ġiex pruvat, talli l-anqas ma jista' jingħad li ġie imputat u dan in kwantu għaliex l-imputazzjoni kif formulata torbot ma inċident waħdieni li seħħ fi spazju

ta' tliet kwarti ta' siegħa. Għaldaqstant l-anqas din l-imputazzjoni ma tista' tirnexxi.

## ***Decide***

Li wara li rat l-Artikoli 251A u 338(m) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 128(b) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda ssib lill-imputat Eusebio Buhagiar mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 3 ta' Ġunju 2016.***

***Aaron M. Bugeja***